# REGOLAMENT TAL-KUMMISJONI (KE) Nru 1035/2009

## tat-30 ta' Ottubru 2009

## li jistabbilixxi l-koeffiċjenti applikabbli għaċ-ċereali esportati fil-forma ta' Scotch whisky għall-perjodu 2009/2010

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1670/2006 tal-10 ta' Novembru 2006 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1784/2003 dwar l-iffissar u l-għoti ta' rifużjonijiet aġġustati fir-rigward ta' ċereali esportati fil-forma ta' ċertu xorb spirituż ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1670/2006 jipprovdi li l-kwantitajiet taċ-ċereali eliġibbli għar-rifużjoni għandhom ikunu l-kwantitajiet ta' ċereali mqiegħda taħt il-kontroll u ddistillati, b'piż ta' koeffiċjent li jiġi ffissat kull sena għal kull wieħed mill-Istati Membri kkonċernati. Il-koeffiċjent għandu jesprimi r-relazzjoni bejn il-kwantitajiet totali esportati u l-kwantitajiet imqiegħda fis-suq tal-ispirtu tax-xorb ikkonċernat, abbażi tax-xejra osservata f'dawn il-kwantitajiet matul l-għadd ta' snin li jikkorrispondi għall-perjodu medju taż-żmien tal-maturazzjoni ta' dan l-ispirtu tax-xorb.

(2) Abbażi tat-tagħrif fornut mir-Renju Unit u li jirrigwarda l-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2008, dan il-perjodu medju taż-żmien ta' maturazzjoni fl-2008 kien ta' tmien snin għall-iScotch whisky.

(3) Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġu ffissati l-koeffiċjenti għall-perjodu li jibda mill-1 ta' Ottubru 2009 sat-30 ta' Settembru 2010.

(4) L-Artikolu 10 tal-Protokoll 3 tal-ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea jeskludi l-għoti ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni lejn Liechtenstein, l-Iżlanda u n-Norveġja. Barra minn hekk, il-Komunità kkonkludiet ftehimiet ma' ċerti pajjiżi terzi li jabolixxu r-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni. Konsegwentement jeħtieġ li, b'applikazzjoni tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1670/2006, dan jitqies fil-kalkolu tal-koeffiċjent għall-perjodu 2009/2010.

(5) Ir-regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1196/2008 tat-2 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi l-koeffiċjenti applikabbli għaċ-ċereali esportati fil-forma ta' Scotch whisky għall-perjodu 2008/2009 ([3]) eżawrixxa l-effetti tiegħu minħabba li jirrigwarda l-koeffiċjenti applikabbli għas-sena 2008/2009. Għal raġunijiet ta' ċarezza u sigurtà legali, dan ir-Regolament għandu jitħassar,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Għall-perjodu li jibda mill-1 ta' Ottubru 2009 sat-30 ta' Settembru 2010, il-koeffiċjenti msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1670/2006, applikabbli għaċ-ċereali utilizzati fir-Renju Unit għall-fabbrikazzjoni tal-iScotch whisky huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Ir-Regolament (KE) Nru 1196/2008 għandu jitħassar.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Għandu japplika mill-1 ta' Ottubru 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ottubru 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

([2]) ĠU L 312, 11.11.2006, p. 33.

([3]) ĠU L 323, 3.12.2008, p. 20.

*ANNESS*

**Koeffiċjenti applikabbli għar-Renju Unit**

| Perjodu ta' applikazzjoni | Koeffiċjent applikabbli | |
|---|---|---|
| | għax-xgħir ipproċessat f'malt utilizzat fil-fabrikazzjoni tal-malt whisky | għaċ-ċereali użati fil-fabrikazzjoni tal-grain whisky |
| Mill-1 ta' Ottubru 2009 sat-30 ta' Settembru 2010 | 0,196 | 0,197 |